# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 25 ta' Ġunju, 2020**

Appell numru 122 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**George FRENDO**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Marzu, 2018 fil-konfront ta' George FRENDO, karta tal-identità bin-numru 361665 (M) li ġie mixli:

   Talli fl-10 ta' Novembru, 2016, għall-ħabta ta' 16:35 hrs ġewwa Triq il-Mini ta' Hal Kirkop:

   1. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IQZ 286, u b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-

traffiku, ħabat ma vettura numru IAM 165 u nvolontrajament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Lilian (Emanuela) Fiedler.

2. Saq l-istess vettura b'nuqqas ta' kont.
3. Saq l-istess vettura b'mod perikoluż.
4. Saq l-istess vettura bi traskuraġni.
5. Saq jew ipprova isuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.
6. Naqas jew irrifjuta li jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina.
7. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan.
8. Uża vettura bil-mutur fit-toroq mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.
9. U aktar talli sar riċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 24 ta' Jannar 2012 Mag. Dr F Depasquale LL.D., sentenza oħra datata 13 ta' Jannar 2012 Mag Dr C Stafrace Zammit LL.D. kif ukoll sentenza oħra datata 19 ta' Frar 2013 Mag Dr F Depasquale LL.D.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li jidrilha xieraq.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

> Għal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tas-sitt (6) u tad-Disa' (9) akkużi filwaqt li ssibu ħati tal-akkużi l-oħrajn kollha, tqis li t-tieni u r-raba' akkuża huma biss il-piena tar-reat l-iktar gravi li huwa dak tal-ewwel akkuża u wara li qieset il-ksur ripetut tal-liġijiet tas-sewqan mill-imputat, tqis li ħaqqu piena karċerarja u għalhekk tikkundannah għal tlett xhur priġunerija.
>
> Tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena b'effet minn nofsillejl.

Illi minn din is-sentenza George Frendo interpona appell permezz ta' rikors datat is-16 ta' Marzu, 2018 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tikkonferma lill-appellant mhux ħati tas-sitt u tad-disgħa mputazzjoni;
2. Tikkonferma is-sejbien ta' ħtija in kwantu s-seba' mputazzjoni;
3. Tħassarha in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu u tiddikjarah mhux ħati tagħhom; u
4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

***Ikkunsidrat : -***

3. Illi matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell u b'mod partikolari meta ġiet biex tqis il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, irriżulta lil din il-Qorti illi l-Qorti tal-Maġistrati, filwaqt li sabet lill-appellant mhux ħati tas-sitt u tad-disa' imputazzjonijiet, sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Biss fil-parti dispożittiva tas-sentenza il-Qorti naqset milli ssemmi l-artikolu tal-Liġi li joħloq ir-reat li tiegħu ġie misjub ħati.

4. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

   Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, **<u>għandha</u>** tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.

5. Illi għalkemm is-sentenza kienet waħda erudita, jibqa' l-fatt li dan ir-rekwiżit huwa ritenut *sine qua non*. In-nuqqas t'osservanza

tiegħu, jiġifieri n-nuqqas ta' tismija tal-artikoli tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li jikkontempla r-reat kien jammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali u li jġib in-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

6. Din il-Qorti rat ukoll jekk, almenu fil-motivazzjonijiet tagħha, jekk dik is-sentenza kienetx, almenu, semmiet l-artikoli tal-Liġi li joħolqu r-reat u li tagħhom hija kienet ser issib lill-appellant ħati u biex b'hekk din il-Qorti setgħet almenu tirreferi għalihom biex tkun tista' ssalva din is-sentenza. Dan in bażi għal dak mgħallem mill-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi,*** f'ċerti :

> kontinġenzi d-dispositiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

7. Dan il-ħsieb jitnissel mill-fatt li għalkemm l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ *ad validitatem* li l-Qorti tal-Maġistrati issemmi fis-sentenza tagħha l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat, huwa ma jispeċifikax **f'liema parti** tas-sentenza tal-Qorti għandha tagħmel dan. Apparti minn hekk, kif deċiż diversi drabi minn dawn il-Qrati, formaliżmi **żejda** m'hemmx posthom fi proċeduri penali għax minflok jgħinu l-integrita tal-proċess penali jispiċċaw li jxekluh milli jilħaq wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu – jiġifieri li ssir ġustizzja fi żmien raġonevoli.

8. F'dan il-każ jirriżulta li fil-motivazzjonijiet tagħha l-Qorti tal-Maġistrati għamlet riferenza ċara għall-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali li huwa l-artikolu li joħloq ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti imbagħad ikkwotat minn sentenzi oħra li **fihom** hemm riferenza għal artikolu tal-Liġi. B'hekk b'riferenza għall-ħames imputazzjoni il-Qorti ċċitat is-sentenza ***Il-Pulizija vs. Marion*** (sic! Marlon*) **Montebello*** tad-9 ta' Frar 2001 fejn fiha hemm riferenza għall-Artikoli 15A, 15C u 15E - preżumibbilment tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex fis-silta tas-sentenza ċitata mill-Qorti ma jirriżultax li sar riferenza għall-Kapitolu tal-Liġi rilevanti. Imbagħad b'riferenza għat-tminn imputazzjoni, il-Qorti ċċitat mis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Andre Apap*** fejn f'dik is-sentenza hemm silta li tirreferi għall-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Biss fiż-żewġ każijiet dawn l-artikoli ġew ċitati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala parti minn silta li hija użat biex timmotiva r-raġunament tagħha u mhux għaliex semmiethom hi speċifikament b'riferenza għall-imputazzjonijiet rispettivi.

9. L-artikoli tal-Liġi li joħolqu r-reat ipotizzat fit-tieni, tielet, raba' u s-seba' imputazzjonijiet jiġifieri l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta tħallew barra kompletament u ma ssemmew imkien.

10. Ir-rekwiżit tat-tismija tal-artikolu tal-Liġi li jkun jikkontempla r-reat skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali irid jiġi osservat anke fejn ikun hemm lok tal-konkors tal-pieni skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali.

11. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio*.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u wara li qieset in-natura tal-każ, mhux l-anqas is-sentenza li ġiet inflitta, biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***